C/2025/1166

14.2.2025

Avviż għall-attenzjoni ta' persuna u entità soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna

(C/2025/1166)

L-informazzjoni li ġejja qed titressaq għall-attenzjoni tas-Sur Igor Vladimirovich KRYLOV (Nru 1648) u Joint-Stock Company "State Scientific and Technical Development 'Region'" (Nru 339), persuna u entità li jidhru fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK u fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.

Il-Kunsill bihsiebu jżomm fis-seħħ il-miżuri restrittivi kontra l-persuna u l-entità msemmijin hawn fuq b'dikjarazzjonijiet tar-raġunijiet u/jew informazzjoni ġodda. Il-persuna u l-entità huma b'dan infurmati li jistgħu jippreżentaw talba lill-Kunsill biex jiksbu l-informazzjoni relatata maż-żamma fis-seħħ tal-miżuri restrittivi, qabel l-**20 ta' Frar 2025**, fl-indirizz li ġej:

Kunsill tal-Unjoni Ewropea
General Secretariat
RELEX.1
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË
Posta elettronika: sanctions@consilium.europa.eu